MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 1420/1995/1

**Joseph u Theresa konjugi Buhagiar**

**vs**

**Emanuel Buhagiar**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. B'citazzjoni pprezentata mill-atturi fil-11 ta' Ottubru, 1995, wara illi ppremettew li:

L-attur Joseph Buhagiar ilu bosta snin jahdem l-art imsejha “Tal-Borg” fi Triq l-Gharghar, Marsascala, stante li din l-art hija mqabbla ghandu u ilha tinhadem minnu u minn missieru, u mqabbla ghandhom, ghal aktar minn erbghin sena;

Gie kommess spoll vjolenti u klandestin mill-konvenut u dana b’dannu u kontra r-rieda ta’ l-atturi, liema spoll jikkonsisti fil-fatt illi l-konvenut qabad u dahal fl-istess art, hadimha u zeraghha bhal li kieku kienet tieghu, ghax ippretenda li l-art m’ghadhiex imqabbla lill-attur Joseph Buhagiar;

Illi minn meta gie kommess dan l-ispoll sal-partenza ta’ din ic-citazzjoni m’ghaddewx xahrejn;

Illi minkejja l-interpellazzjoni ta’ l-atturi ma kienx hemm reintegrazzjoni ghall-istat antecedenti mill-konvenut;

Talbu ghalhekk li dik il-Qorti:

(i) Tiddikjara li l-fatt li l-konvenut qabad u dahal fl-ghalqa tal-konvenut u hadimha bhal li kieku kienet tieghu kontra r-rieda ta’ l-attur jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;

(ii) Tikkundanna lill-konvenut li fi zmien qasir u perentorju jirreintegra lill-atturi fl-istat antecedenti ghall-istess spoll;

(iii) Fin-nuqqas li dan isir, tawtorizza li l-istess reintegrazzjoni ssir mill-atturi u dan bl-ispejjez ta’ l-istess konvenut;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT</u>**

2. Il-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici kellhom jigu respinti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:

Illi l-atturi ma kellhomx il-pussess ta’ l-ghalqa in kwistjoni u ghalhekk ma setghux jigu spoljati minnha.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati wkoll stante li l-elementi l-ohra sabiex tirnexxi l-*actio spolii* ma jissusistux fil-kaz odjern kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

3. B'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1998, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut laqghet it-talbiet attrici u ordnat lill-esponent sabiex jizgombra minn gewwa l-ghalqa meritu tal-kawza fi zmien xahar mid-data tas-sentenza.

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT</u>**

4. Il-konvenut hass ruhu aggravat mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u ghalhekk interpona l-appell minnha fuq l-aggravji segwenti:

(I) Illi kuntrarjarment ghal dak li ddikjarat l-Ewwel Qorti, mill-atti processwali ma rrizultax li l-konvenut ikkommetta xi spoll fil-konfront ta' l-appellati. Fil-fatt jirrizulta li l-appellati lanqas biss kellhom il-pussess li tirrikjedi l-ligi.

(II) Mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, jirrizulta li hija strahet biss fuq il-fatt li l-appellat waqt il-proceduri, cahad li qatt irrinunzja ghall-qbiela ta' l-ghalqa in kwistjoni.

Min-naha l-ohra mill-atti processwali hemm diversi cirkostanzi li kellhom jinducu lill-Ewwel Qorti li l-appellati kienu bl-agir taghhom irrinunzjaw ghall-jedd li kellhom fuq l-ghalqa. Fil-fatt:

(i) L-appellat stess iddikjara fix-xhieda li minn Mejju 1995, ma regax resaq lejn din l-ghalqa, mentri fis-snin ta' qabel kien baqa' jmur regolarment matul ix-xhur tas-Sajf. Fil-fatt, ix-xhud Joseph Borg (prodott mill-appellati) xehed li fis-snin ta' qabel l-ghalqa kienet tinhadem mill-appellat "*sajf u xitwa*";

(ii) Il-konvenut kien matul ix-xhur tas-Sajf baqa' jara lill-appellat f'ghalqa ohra li ghandu biswit din l-ghalqa, izda qabel Ottubru 1995, qatt ma resaq lejn l-ghalqa meritu tal-kawza;

(iii) Irrizulta li l-konvenut ghandu sittin tomna raba' li jahdem f'dawk l-istess inhawi u li ma kellu ebda interess li jaqbad u minn jeddu jiehu l-pussess ta' ghalqa li qabel kienet tinhadem mill-appellat.

(iv) Irrizulta wkoll li f'Mejju, 1995, l-appellati ma hallsux qbiela. Kien biss wara li gew intavolati dawn il-proceduri li l-appellati fis-17 ta' Ottubru, 1995, ghaddew biex jiddepozitaw il-qbiela fil-Qorti (Cedola Numru: 1876/95) [Dok AE1]. Dan kuntrarjament ghal dak li kien issir fis-snin ta' qabel.

(v) L-appellat ighid li f"Ottubru, 1995, mar l-ghalqa biex jizra' l-patata, meta rrizulta li z-zmien ta' zriegh tal-patata kien diga` ghadda. Fil-fatt, il-patata mizrugha mill-esponent kienet diga` hadret (ara xhieda moghtija minn Joseph Borg fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 1997 [fol. 331])

(vi) Minn Mejju, 1995, l-esponent beda jahdem l-ghalqa in kwistjoni. Tant li f'Gunju, 1995, zergha t-tadam.

(III) Illi l-Ewwel Qorti ssottolinejat ukoll li meta l-appellat kien ilmenta ma' l-appellant dwar dak li gara, dan ta' l-ahhar ma qallux li kien l-appellat li qallu li ma kienx ser jibqa' jahdem l-ghalqa. F'dan ir-rigward, l-Ewwel Qorti ghamlet riferenza ghax-xhieda moghtija mill-appellat u hatnu Joseph Borg.

Jekk wiehed jikkunsidra sew x'qalu f'dan ir-rigward, l-appellat u x-xhud Joseph Borg, jirrizulta li f'dan ir-rigward taw verzjonijiet kontrastanti. Fil-fatt, l-appellat fis-seduta ta' l-14 ta' Jannar, 1997, xehed li meta staqsa lill-appellant ighidlu ghalfejn kien zergha l-ghalqa minghajr permess tieghu: "*huwa qalli li ma kellux bzonn tali permess*". Min-naha l-ohra x-xhud Joseph Borg, prodott mill-appellati, xehed li minn meta kellmu l-esponent: "*qalilna li kienet ommu li gaghlitu jizra din l-ghalqa bil-patata*". Verzjonijiet li kuntrarjament ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti huma dijametrikament opposti ghal xulxin.

Min-naha l-ohra, l-appellant xehed fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 1997, u kkonferma li f'Mejju, 1995, l-appelat kien

gharrfu li ma kienx ser jahdem iktar dik l-ghalqa u li l-appellant seta' jibda jahdimha hu. Dan gie korroborat minn Rose Buhagiar li xehdet fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 1997. Tant hu hekk li f'nofs Gunju 1995 huwa zergha l-ghalqa bit-tadam. Ix-xhud Manwel Agius fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 1997, iddikjara li:

"*niftakar li kien nofs Gunju u rajt lill-konvenut ihawwel din l-ghalqa bit-tadam*".

(IV) Illi inoltre kuntrarjament ghal dak li ddikjarat l-Ewwel Qorti, l-appellant qatt ma qal fix-xhieda tieghu li l-appellat kien f'Mejju, 1995, qabbdu biex jahratlu l-ghalqa. Anzi l-esponent iddikjara l-oppost fis-sens li l-appellat kien qallu li ma kienx ser jahdem iktar l-ghalqa u ghalhekk seta' jehodha f'idejh.

(V) Illi aggravju iehor huwa li anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss wiehed kellu jaccetta t-tezi ta' l-appellati li l-esponent qabad u dahal fl-ghalqa u beda jahdimha minghajr il-kunsens taghhom, jirrizulta li l-kawza ta' spoll ma gietx intavolata "*infra bimestre*" minn meta sehh l-ispoll.

Kif tajjeb issottolinejat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet MICHAELANGELO FENECH NOMINE vs ALFRED CAMILLERI, deciza fit-22 ta' Frar, 1994:

"*It-terminu ta' xahrejn jibda jiddekorri mid-data minn mindu l-attur ikun attwalment u fizikament gie spoljat mill-pussess tieghu u mhux a die scientiae*".

Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet JOHN MICALLEF vs CARMELO sive CHALRES MUSCAT, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' April, 1994, inghad:

*"It-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element sostanzjali ta' din l-azzjoni li jrid jigi konkludentement pruvat mill-attur …… Diga` gie sottolinejat illi l-Artikolu 791 tal-Kap. 12 jippreskrivi li t-terminu ta' xahrejn jiddekorri minn dakinhar li jkun sar l-ispoll. Il-ligi hi cara u univoka u ma thalli l-*

*ebda lok ghall-interpretazzjoni. Mhix korretta allura l-interpretazzjoni li tali terminu jibda jiddekorri 'a die scientiae'".*

Fir-rigward ta' dan l-element, l-Ewwel Qorti ma semmiet xejn. Mill-provi rrizulta li minn Mejju, 1995, din l-ghalqa bdiet tinhadem mill-appellant. Fil-fatt irrizulta li f'Gunju, 1995, l-esponent kien zergha l-ghalqa bit-tadam u mbaghad f'Settembru, 1995, zergha l-patata.

F'dan l-istess zmien, huwa harat l-ghalqa kemm-il darba. Li l-ghalqa giet mizrughha f'Gunju, 1995, gie wkoll accettat mill-appellati. Qeghdha ssir riferenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw l-appellati fit-30 ta' Jannar, 1998, fejn iddikjaraw li: "mix-xhieda li nghata jirrizulta li f'Gunju nzera' t-tadam". Ghalhekk kien f'dan iz-zmien li seta' sehh l-ispoll u mhux kif jargumentaw l-appellati meta kienu "*fil-possibilita` fizika li jindunaw bl-ispoll*".

Ghaldaqstant, il-konvenut appellant talab li din il-Qorti sabiex, filwaqt li tirrevoka s-sentenza moghtija fit-30 ta' Gunju, 1998, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet fuq premessi, tilqa` l-eccezzjonijiet sollevati mill-esponent u tichad it-talbiet ta' l-appellati.

Bl-ispejjez kontra l-appellati.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI</u>**

5. L-atturi appellati wiegbu hekk:

(I) Illi s-sentenza appellata, tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, tat-30 ta' Gunju, 1998, hija gusta u timmerita konferma fl-intier taghha.

(II) Illi l-aggravji li jsemmi l-appellant fl-appell tieghu diga` gew trattati u decizi mill-Qorti tal-Prim Istanza.

(III) Illi inkwantu jirrigwarda l-ewwel aggravju, l-appellant verament qieghed jghid illi huwa ma kkommetta l-ebda spoll u li l-appellati ma kellhomx il-pussess li tirrikjedi l-ligi. L-appellant pero`, naqas li b'xi mod jissustanzja dawn l-

allegazzjonijiet tieghu.  Ghall-kuntrarju timmerita konferma l-analizi maghmula mill-Ewwel Qorti u l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom, cioe`, li l-appellant ikkommetta spoll fil-konfront ta’ l-appellati, u li kwindi kellhom il-pussess rikjest mil-ligi.

(IV)  Illi t-tieni aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-posizzjoni dijametrikament opposta tal-partijiet.  Bl-appellati jinsistu li l-appellant ikkommetta spoll fil-konfront taghhom, billi qabad  dahal fl-art minnhom mahdum, u beda jahdimha ghalih, u bl-appellant mill-banda l-ohra jaghti verzjoni illi ghamel hekk ghax l-appellati kienu rriznunzjaw ghall-qbiela li huma kellhom fuq dik l-art.  L-appellant, pero`, ippunta jsib diversi cirkostanzi li forsi jistghu jsibu xi forma ta’ konfort fil-verzjoni tieghu, izda mix-xhieda konkreta li nghatat l-appellati cahdu bil-qawwa kollha li huma qatt irrinunzjaw ghall-qbiela li huma kellhom, oltre piu` l-verzjoni ta’ l-appellant li saret din ir-rinunzja bl-ebda mod ma giet ikkorroborata jew ippruvata r-rinunzja allegata mill-appellant ma rrizultax.

(V)  Inkwantu jirrigwarda t-tielet aggravju ta’ l-appelant, dan qal fix-xhieda tieghu illi d-diskors tar-rinunzja sar meta l-appellant u l-appellat Joseph Buhagiar kienu wahedhom, izda mbaghad jghid ukoll li saret riferenza ghal din ir-rinunzja quddiem il-mara ta’ l-appellant.  Dan id-diskors gie kategorikament michud mill-appellati, meta telghet tixhed Rose Buhagiar fid-6 ta’ Ottubru, 1997, din ix-xhieda taghha stranament ikkorroborat dak li skond zewgha intqal biss bejn l-appellant u l-appellat Joseph Buhagiar.

Naturalment jigi sottolinejat illi x-xhieda ta’ l-appellant hija soda u koerenti u ma taghmel l-ebda sens logiku t-tezi ta’ l-appellant li l-appellat jirrinunzja ghall-art lilu mqabbla u mbaghad joqghod jistitwixxi l-proceduri odjerni biex jehodha lura, partikolarment meta l-appellati ghandhom bictejn art zghira biss x’jahdmu, u kwindi tali spoll icahhadhom mill-meta’ ta’ l-intorjtu agrikolu taghhom.

(VI)  In kwantu jirrigwarda r-raba’ aggravju ta’ l-appellant, irid jinghad illi huwa minnu li l-appellant xehed quddiem l-Ewwel Qorti, illi f’Mejju, 1995, l-appellat Joseph Buhagiar

kien qallu li ma kienx ser jahdem l-ghalqa aktar, izda irid jigi ugwalment rilevat illi fit-22 ta' Ottubru, 1996 (sic). L-appellat Joseph Buhagiar xehed illi f'Mejju ta' l-1995, kien bhas-soltu qabbad lill-appellant biex jahratlu l-ghalqa bit-*tractor*. Xehed ukoll l-appellant illi fl-ghalqa f'Mejju, 1995, kellu wkoll il-pajpijiet tad-drip, liema pajpijiet suppost ghadhom hemm sal-lum.

(VII) Illi l-hames aggravju jirrigwarda z-zmien li fih giet intavolata l-kawza ta' spoll. Jidher illi l-appellant qed juza t-trapass taz-zmien minn meta l-konvenut dahal fl-ghalqa sa meta fil-fatt infethet il-kawza odjerna, biex jimpedixxu li l-azzjoni ta' l-atturi tirnexxi. Donnu qed isostni li din l-azzjoni ta' spoll falliet peress illi ghaddew aktar minn xahrejn minn meta gie kommess l-istess allegat spoll, u ghalhekk l-azzjoni saret "*fuori termine*".

Illi ma jistax jinghad illi l-azzjoni attrici kienet perenta, dana minhabba l-fatt illi l-Artikolu 535 tal-Kodici Civili, taghmel referenza specifika ghall-Artikolu 791 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u mehudin flimkien dawn iz-zewg artikoli jfissru illi meta l-azzjoni tingieb fi zmien xahrejn ghandha tigi osservata l-procedura specjali stabbilita fl-Artikolu 791, bil-vantaggi u effetti specjali li din iggib maghha, filwaqt li meta l-azzjoni tingieb wara l-gheluq tax-xahrejn, dawk il-vantaggi u effetti jispicaw ghax l-imharrek ikun jista' jqajjem kull xorta ta' eccezzjoni (vide Michael Mamo vs Philip Grima – Prim Awla tal-Qorti Civili dec. 7/2/1958, Vol. XLIII, P. II, page 913).

Illi dan jirrizulta wkoll ampjament car mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Carmelo sive Charles Galea vs Robert Mifsud et" deciza fl-10 ta' Gunju, 1991. F'din id-decizjoni gie ritenut li dak li "gie deciz minnha fis-26 ta' Ottubru, 1936, fil-kawza "Stivala vs Field" (Vol XXIX.I.753) huwa ragonevoli u konformi mal-principji ta' l-ekonomija tal-gudizzju, biex fejn l-atti jekk jista' jkun ghandhom jigu salvati u l-ispejjez gudizzjarji jigu mizmuma fil-livelli minimi kompatibbli ma' l-esigenzi ta' l-azzjoni. F'dik id-decizjoni ntqal illi: "l-forma ta' citazzjoni (uzata f'dik l-azzjoni ta' spoll privileggjat) ma timpedix lill-Qorti li tista' tghaddi ghall-kwistjoni petitorja fuq l-istess atti, meta m'hemmx termini

tali li jeskludu assolutament dik l-azzjoni….. Illi peress li l-appellanti bid-dekorriment taz-zmien ta' xahrejn u anke ta' sena, tilfu l-azzjoni possessorja msemmija mil-ligi, ghandhom id-dritt jinsistu illi dak l-istat jigi reintegrat, basta pero` jippruvaw li ghandhom dak id-dritt, mentri bil-possessorja kien ikollhom jippruvaw biss il-pussess taghhom u l-ispoll li gie maghmul". Ghalhekk din is-sentenza tippermetti l-konversjoni ta' xi wahda mill-azzjonijiet possessorji fl-azzjoni petitorja generali – basta fic-citazzjoni ma jkunx hemm termini tali li jeskludu assolutament l-azzjoni petitorja. Naturalment jekk din il-konverzjoni hija ammissibbli minn azzjoni possessjorja ghal wahda petitorja, kemm aktar hi possibbli l-konverzjoni ta' l-azzjoni minn dik ta' spoll privileggjat (fi zmien xahrejn u anki mid-detentur) ghal dik ta' spoll ordinarju (fi zmien sena mill-possessur). (.…Mamo vs Grima supra 7.2.58….)…li ghandha tigi segwita t-triq possibilista u liberali indikata mill-gurisprudenza kkwotata u ghalhekk ghandu jigi ezaminat l-att promotorju ta' l-azzjoni biex il-Qorti tara jekk jezistux ostakoli formali fit-talbiet tali li jimpedixxu l-prosegwiment tal-kaza mhux aktar bhala azzjoni ta' spoll privileggjat (kif setghet kienet intiza mill-appellati) jew ta' spoll ordinarju imma anki bhala azzjoni petitorja".

Fuq l-iskorta ta' dawn id-decizjonijiet ghalhekk ghall-ekonomija tal-gudizzju kawza li bdiet bhala spoll privileggjat tista' tissokta u tigi trattata u deciza bhala kawza ta' spoll ordinarju u anke bhala azzjoni petitorja.

Ghalhekk l-appellati talbu lil din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza hawn fuq indikata tat-30 ta' Gunju, 1998, fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

<u>**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**</u>

6. L-appell in ezami huwa konsegwenza ta' azzjoni ta' spoll deciza favur l-attur appellat. L-aggravji tal-konvenut appellant huma ta' natura duplici. Fl-ewwel lok, il-konvenut ma qabilx ma' l-evalwazzjoni tal-provi maghmula mill-Qorti ta' l-ewwel grad u fit-tieni lok huwa jissottometti

wkoll li, fi kwalunkwe kaz, ir-rekwizit tal-ligi li azzjoni ta' spoll trid tingieb fi zmien xahrejn minn meta gie kommess l-ispoll ma gie bl-ebda mod ippruvat.

7. Dwar l-ewwel aggravju ghandu jinghad li trattandosi ta' evalwazzjoni ta' provi ta' fatt, din il-Qorti ma tiddisturba qatt leggerment dak li jkun gie kkostatat u deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad li quddiemha jkunu nstemghu u/jew ingabru l-imsemmija provi. Mhjiex il-funzjoni tal-Qorti ta' l-Appell, li hija qorti ta' revizjoni, li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha flok dik ezercitata mill-Qorti tal-prim istanza sakemm ma jkunx irrizultalha xi nuqqas serju jew xi irregolarita`. Id-dover taghha huwa li tara li biex waslet ghad-decizjoni taghha l-ewwel Qorti, kellhiex provi bizzejjed biex jiggustifikawha tasal ghal dik id-decizjon illi tkun hadet. Issa f'dan il-kaz jirrizulta li kif gie rilevat mill-Ewwel Qorti, ma kienx hemm provi sufficjenti li juru li, bhala stat ta' fatt, l-attur kien tassew irrinunzja ghal qbiela u rrilaxxja l-pussess ta' l-ghalqa in kwistjoni a favur tal-konvenut. Huwa minnu li l-qbiela dik is-sena ma thallsitx da parti ta' l-appellat u li mix-xahar ta' Mejju sax-xahar ta' Settembru, 1995, l-attur ma resaqx lejn l-ghalqa tieghu, imma daqstant iehor huwa minnu li sa Mejju 1995, l-attur hadem fl-ghalqa in kwistjoni u li kien ghad baqaghlu xi materjal bhal ma huma pajpijiet tad-"*drip irrigation*" fl-inhawi ta' l-ghalqa, u li f'kull kaz rinunzja cara u inekwivoka ma tirrizultax li saret da parti tieghu. Kien jinkombi fuq il-konvenut li jforni l-prova, almenu sal-grad ta' probabilita`, li l-attur tassew telaq l-ghalqa de quo mill-pussess tieghu ghal dejjem. Imma tali prova, fil-grad rikjest, ma gietx fornita mill-appellant. Dan qed jinghad minbarra diversi cirkostanzi ohrajn imsemmijin mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata li juru kemm din il-prova spettanti lill-konvenut baqghet ma saritx. Jigi osservat ukoll li minkejja l-fatt li seta' kien li l-attur waqa' xi ftit moruz fil-hlas tal-qbiela dan il-fatt fih innifsu m'huwiex bizzejjed biex minnu wiehed jigbed il-konkluzjoni li b'daqshekk l-attur allura kien effettivament irrinunzja definittivament ghall-qbiela u telaq il-pussess ta' l-ghalqa mqabbla lilu. Il-verita` hi li, mix-xhieda li tressqet, kull parti setghet tinferixxi u tibni certa linja ta' argumentazzjoni in sostenn tat-tezi taghha imma l-prezunzjoni ta' qbiela u ta'

pussess semplici favur l-attur ma gewx imxejna min-naha tal-konvenut. Taht dana l-aspett ghalhekk, l-aggravji tal-konvenut huma infondati.

8. It-tieni aspett ta’ l-aggravji tal-konvenut huwa bbazat fuq il-konsiderazzjoni li, apparti kollox, l-azzjoni attrici, wahda ta’ spoll, ma saritx fi zmien xahrejn. Hija procedura maghrufa dik li, f’kawzi ta’ spoll maghmulin fi zmien xahrejn minn dakinhar li jkun sar l-ispoll, hemm limitazzjoni fuq ix-xorta ta’ eccezzjonijiet li jistghu jigu sollevati mill-parti konvenuta. Di fatti l-Artikolu 791(1) tal-Kap. 12 jistipula kif gej:-

“791(1) Il-konvenut f’kawza ta’ spoll, maghmula fi zmien xahrejn minn dakinhar li jkun sar l-ispoll, ma jista’ jaghti ebda eccezzjoni li mhux dilatorja, qabel ma jkun rega’ qieghed il-haga fl-istat ewlieni u rega’ qieghed ghal kollox fl-istat ta’ qabel il-parti li tkun batiet l-ispoll, f’dak iz-zmien illi, skond ic-cirkostanzi, jigi moghti lilha fis-sentenza, bla hsara ta’ jeddijiet ohra tieghu.”

Apparti dawn il-limitazzjonijiet mixhutin fuq il-parti konvenuta, il-ligi tal-procedura inoltre tidderiegi sahansitra lill-Qorti li tkun qed tisma’ l-kawza dwar il-mod kif ghandha tikkonduci l-procedura. Fis-sub-artikolu (3) tal-Art. 791 insibu li gej:-

“Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pusses jew tad-detenzjoni, u l-fatt ta’ l-ispoll.”

9. Applikat is-suespost ghall-kawza in ezami, din il-Qorti osservat li minkejja l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant (in partikolari ara dik espressa fil-paragrafu numru 2 tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu, a fol. 9 tal-process), il-Qorti ta’ l-ewwel grad jidher li ssorvolat kompletament dan ir-rekwizit tal-ligi billi injorat l-istess eccezzjoni bhallikieku ma nghatatx.

10. Minn ezami tal-process u tal-provi jirrizulta pacifiku li l-ahhar li l-attur kien resaq lejn l-ghalqa li dwarha hemm il-vertenza kien f’Mejju, 1995, u skond hu l-ispoll skoprieh f’Settembru, 1995. Il-kawza giet istitwita fil-11 ta’ Ottubru, 1995. Skond ma xehed il-konvenut, bla ma gie

kontradett, huwa zera' tadam fl-ghalqa f'Gunju, 1995. Issa huwa evidenti li bejn Gunju u Settembru hemm aktar minn xahrejn. Il-ligi tal-procedura hija cara bizzejjed fis-sens li kawza ta' spoll privileggjat trid issir fi zmien xahrejn minn meta jkun gie kommess l-ispoll u mhux minn meta dan jigi skopert mill-attur. Dan apparti l-fatt li jirrizulta li l-attur kien baqa' jiffrekwenta l-inhawi u seta', kieku ried, jinduna bl-attivita` fl-ghalqa de quo min-naha tal-konvenut. Kif gie ritenut fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet M.A. Fenech nomine vs Alfred Camilleri mill-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-22 ta' Frar, 1994, citata mill-parti appellanti,
"It-terminu ta' xahrejn jibda jiddekorri mid-data minn mindu l-attur ikun attwalment u fizikament gie spoljat mill-pussess tieghu mhux "a die scientiae" (ara wkoll is-sentenza ta' l-istess Qorti moghtija fid-29 ta' April, 1994, fil-kawza fl-ismijiet :"John Micallef vs Carmelo sive Charles Muscat."

11. Konxju u konsapevoli minn dan l-ostakolu legali, l-appellat wiegeb ghal dan l-aggravju billi sostna li l-azzjoni tieghu ma setghet qatt giet perenta. Dan minhabba li l-Artikolu 535 tal-Kap. 16 jaghmel riferenza specifika ghall-Artikolu 791 tal-Kap. 12, fis-sens li dawk il-vantaggi li jinghataw lill-parti attrici in forza ta' azzjoni ta' spoll privileggjat jintiflu biss billi meta l-azzjoni tingieb wara l-gheluq tax-xahrejn "dawk il-vantaggi u effetti jispiccaw ghax l-imharrek illum jista' jqajjem kull xorta ta' eccezzjoni". L-appellat jiccita s-sentenza fl-ismijiet: Michael Mamo vs Philip Grima, moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar, 1958, (Koll. Vol, XLIII-II-913). Isemmi wkoll bhala argument iehor favurih il-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzju. Jaghmel riferenza ghal zewg decizjonijiet moghtijin mill-Qorti ta' l-Appell (Clo sive Charles Galea vs Robert Mifsud et, ta' l-10 ta' Gunju, 1991, u r-riferenza li din ghamlet ghad-decizjoni anterjuri ta' l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet Stivala vs Field Koll. Vol. XXIX-1-753) li, skond hu ippermettew "il-konverzjoni ta' xi wahda mill-azzjonijiet possessorji fl-azzjoni petitorja generali basta fic-citazzjoni ma jkunx hemm terminu tali li jeskludu assolutament l-azzjoni petitorja" (sottolinear tal-Qorti).

12. Din il-qorti hasbet fit-tul dwar il-punti hawn fuq sollevati u hija tal-fehma li ma tistax taqbel mar-ragjonamenti tal-parti appellata fis-sens li l-azzjoni attrici tista' tigi "salvata" fil-parametri indikati fir-risposta taghha ghall-appell tal-konvenut. Dan ghaliex filwaqt li din il-Qorti taqbel mal-principji msemmijin mill-appellat, fl-istess hin hija ma jidhrilhiex li dawn fil-fatt japplikaw ghall-kaz tieghu.

Minn ezami tal-premessi attrici jirrizulta bic-car li l-attur ghazel li jiddeduci l-pretensjoni tieghu f'forma ta' azzjoni ta' spoll privileggjat. Di fatti jippremetti <u>inter alia</u> hekk,
"Peress illi minn meta gie kommess dan l-ispoll sal-prezentata ta' din ic-citazzjoni m'ghaddewx xahrejn."

Minbarra dan pero`, l-Ewwel Qorti kienet kategorika li l-kawza kienet sejra tqisha u tiddecidiha a bazi ta' wahda ta' spoll privileggjat u li allura kien ukoll ifisser li l-konvenut seta' biss jiddefendi ruhu fil-parametri msemmija fil-Artikolu 791 tal-Kap. 12 surreferit. Tant hu hekk li l-Ewwel Qorti mmotivat il-konsiderazzjonijiet taggha qabel ma ddecidiet b'dan il-mod,
"Din hi azzjoni ta' spoll privileggjat. Sabiex tirnexxi din l-azzjoni hu bizzejjed li l-atturi jipprovdu illi huma semplicement kienu il-pussessuri ta' l-ghalqa in kwistjoni."

13. Huwa minnu li, kif qal l-appellat, kien hemm kawzi ta' spoll fejn il-Qrati estendew il-parametri tal-kawza lil hinn minn wahda ta' spoll privileggjat, imma dan sar biss fejn ic-citazzjoni tkun saret u giet ifformulata b'mod li ma kienx sufficjentement car jekk fil-fatt l-azzjoni kienitx dik ta' spoll privileggjat jew wahda ta' manutenzjoni. Imma f'kazi simili, wiehed irid joqghod attent biex ma tinholoqx ingustizzja mal-parti konvenuta. Jekk, fi kliem iehor, tkun ser titwessa' n-natura ta' l-azzjoni, <u>il-partijiet ghandhom ikun pjenament edotti minn tali twessigh</u>. Issa, fil-kaz in ezami, kif gja` intqal, ma sar xejn minn dan billi l-Ewwel Qorti kategorikament iddikjarat li hawn si trattava ta' azzjoni ta' spoll privileggjat u li hija kienet qeghdha tqis u tiddeciedi l-kawza fuq dan il-binarju biss. Meta ghamlet dan l-Ewwel Qorti ma setghetx pero` fl-istess waqt tinjora

r-rekwizit tax-xahrejn ("infra bimestre deduxisse") imsemmi mil-ligi. Decizjoni citata spiss in materja minhabba l-fatt li l-insenjament elaborat fiha huwa floku hafna hija dik fl-ismijiet "<u>Joseph Tabone –vs- Joseph Flavia sive De Flavia</u>", moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Koll. Vol. XIII-1-86). F'din is-sentenza gie ritenut li hu principju generali li n-natura u l-indoli ta' l-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-terminu ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri, u dan hu veru partikolarment f'materja ta' azzjoni possessorja. Pero`, jista' jaghti l-kaz illi mit-termini tac-citazzjoni ma jkunx jista' finalment jinghad malajr liema hi l-azzjoni verament intentata mill-attur, u jista' jkun ukoll li dan ikun sar deliberatament, bil-hsieb li b'dan il-mod l-attur jigi li qed jezercita l-azzjoni ta' manutenzjoni u dik ta' reintegrazzjoni flimkien. Id-decizjoni surreferita, ma' liema din il-Qorti hija ghal kollox konkordi, tkompli hekk,

"Imma dan ma hux permess, ghax dawn iz-zewg azzjonijiet ghad li ghandhom hafna punti ta' kuntatt bejniethom, huma assolutament distinti fin-natura u l-iskop taghhom, u huma mmexxijin minn regoli ta' procedura diversi. Dawn iz-zewg azzjonijiet ma jistghux jigu ezercitati konfuzament u flimkien b'domanda wahda. Dan hu kuntrarju, mhux biss ghall-principji kif imfissra, izda wkoll ghad-dispost espress tal-ligi tal-Procedura li jezigi li c-citazzjoni ghandu jkun fiha mfisser car u sewwa l-oggett u r-raguni tat-talba.

<u>Jekk b'dan kollu, il-Qorti tirritjeni li l-azzjoni ezercitata hija dik ta' spoll, u l-attur ma jippruvax li hu intenta dik l-azzjoni fiz-zmien ta' xahrejn preskritt mil-ligi, l-azzjoni taqa' minhabba nuqqas ta' wiehed mir-rekwiziti essenzjali taghha, minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi indagat jekk jirrikorrux anke r-rekwiziti l-ohra</u>…."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-rekwizit tax-xahrejn mill-kummissjoni ta' l-allegat spoll sat-tehid ta' azzjoni bil-Qorti ma jidhirx li gie sodisfatt. Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant f'dan ir-rigward huwa gustifikat u jisthoqqlu li jigu milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-appell tal-konvenut in kwantu bbazat fuq l-aggravju li t-terminu tax-xahrejn ghat-tehid ta' azzjoni kien gja` skada, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi, b'rizerva espressa pero` lill-istess atturi appellati ta' kull azzjoni ohra lilhom spettanti bil-ligi kontra l-konvenut appellant "si et quatenus".

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------